IT-TIENI KTIEB
TAS-SITT SENA

ĠUNJU
1930

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Il-poeżija **Maltija** fl-Iskejjel aħjar minn kull waħda oħra — Li-*Status Constructus* fil-Malti (Sajdun)—San Pawl milqgħi (T.Z.) — Waħda biss... (Dun Karm) — Il-Malti u l-Għarbi tal-Palestina (L. G.) — Il-Għanja Maltija (Dun Karm) — Id-daħla ġo l-Birgu tal-Gran Mastri ta' Malta (Ġużè Gatt) — Żewġt ixirka u ħbieb (T. Z.) *Biblijografija* (Bin-Malti) (G.), (Z.) — Tliet għanjiet (Dun Karm) — Eżami tal-Malti (S.)



THE EMPIRE PRESS

# IL-PORT TA' MALTA

Fost il-ħwejjeġ sbieħ li għandna,
għandna l-Port bil-wisq imfaħħar;
mhux għal xej tara l-barrani
li għal ġmielu jibqa' msaħħar.

Mill-iswar li lilu jdawru
ma tikxiflu kullimkien:
ġo fih tara bħala dgħajjes
l-isbaħ, l-ikbar, l-aqwa ġfien.

Tul u wisgħa w-ilma għali
fih kemm trid u kemm tixtieq,
sa minn barra tasal ġewwa
tista' tgħid li xxabba t-trieq.

Ġewwa fih għad li Port wieħed
inti tara erba' daħliet,
li jgħodduhom fi bliet oħra
sa mill-isbaħ portijiet.

L-ogħla swar, l-iżjed qawwija
ġewwa nofshom jagħilquh,
jekk xi għadu jrid fih jidħol.
minn wisq bgħid huma jżommuh.

Ara x'dell fil-baħar waqqgħu
ta' Sant'Anġlu l-għolja swar,
ħalli jersqu taħt ħitanek,
o Sant'Anġlu, iġ-ġfien il-kbar!

Dwar l-elf sena ilhom mibnija
u mfaħħrin dawk il-ħitan;
meta mbnew l-Ewropa kollha
ma kellhiex kastell bħal dan.

F'nofs il-Port Sant'Anġlu l-qawwi
bħala ġgant li jindukrah;
ir-Rikażli l-barra minnu
sabiħ qawwi wkoll tarah.........

**Gio. Antonio Vassallo**

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIENI KTIEB TA' L-1930

## IL-POEŻIJA MALTIJA FL-ISKEJJEL AĦJAR MINN KULL WAĦDA OĦRA

(*Jorbot mal-Għadd ta' qabel*)

Fl-aħħar editorjal fejn żammejna li l-poeżija maltija aħjar minn kull waħda barranija għat-tiswir tal-karattru fit-tfal, staqsejna, qabel għalaqna, jekk il-Malti għandux poeżija li jixirqilha fil-ħaqq u fis-sewwa dan l-isem, u b'idejna fuq qalbna weġibna *li għandna*, iżda rfajna l-mirja għal darb'oħra.

Il-lum inżommu kelmitna u niġu għall-mirja.

Il-karattru hi dik il-fehma sħiħa li biha il-bniedem iżomm bil-qawwa tiegħu kollha, u fil-ħabtiet kollha ta' ħajtu, is-sedqa lejn Alla, li hu jagħraf bħala Sid u bħala Missier, u s-sedqa lejn għajru li hu jagħraf bħala ħuh. Ma tiksirx il-kelma li tajt 'l Alla għal ebda ħaġa iżgħar minnu; ma tikserx il-wegħdiet lil għajrek għal ebda ħajr ieħor, dan hu l-karattru, din ir-rġulija.

Minn dan naraw li l-karattru fit-tfal jissawwar bl-eżempji sbieħ u qawwija ta' Reliġjon, li hi r-rabta tal-bniedem ma' Alla, u bl-eżempji sbieħ u qawwija ta' dawk l-imħabbiet li l-bniedem għandu jkollu lejn pajjiżu, lejn qrabatu, lejn għajru u lejn dak kollu li f'xi għamla jew oħra isebbaħlu u jhennilu ħajtu; eżempji mfissrin bl-oħla kliem, minsuġin bl-aħjar tqanqil tal-

qalb, imsebbħin bl-ogħna xbihiet li l-poeta jista' jiġbor min-natura ta' ma' dwaru, u mill-ħajja ta' nies tajba u magħrufa li għexu qabilna u mill-ġrajja ta' ġensna fil-mixja twila taż-żmien.

Nibdew: Eżempji sbieħ ta' kull dmir li għandu l-bniedem lejn Alla, insibuhom bil-kotra fil-ġabra tal-Inni Mqaddsa ta' Lodoviku Mifsud Tommasi, bosta minnhom maħdumin bil-għaqal u bir-reqqa, u b'għażla ta' kliem sabiħ u xieraq kif jitolbu l-ħwejjeġ għeżież. Bħal dawn il-versi li ġejjin għandu mijjiet oħra:

Sid il-ħlejjaq, Alla wiħed,
Int li kollox tqassam f'ħejnu, (1)
Kif b'id-dija tagħni l-għodwa,
Nofs-in-nhar bin-nar iżżejnu.

Eżempji oħra, għandhom bil-ħafna Dwardu Cachia, Preca u oħrajn.

Turija ta' mħabba lejn pajjiżna? Isimgħu din ta' G. A. Vassallo:

Int sabiħa, o Malta tagħna!
M'hux għax malti nfaħħrek jien,
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

Imgħottija bl-isbaħ sema,
L-ogħna dawl ix-xemx tatik,
Ma xxawteks, bil-ħlewwa ssaħnek,
Ġid iġġiblek u tqawwik eċċ.

Xi ġmiel ta' versi! x'għażla ta' kliem ħelu u sabiħ! x'mewġa ta' mħabba lejn din id daqsxejn ta' gżira! kemm hi kbira fil-għajnejn tal-poeta!

Jekk irridu eżempji ta' tagħlim fuq il-ħajja, fil ftuħ tagħha, fis-siwi tagħha, fit-tweghir tagħha, dan il-poeta

(1) Bir-reqqa għandha tinkiteb "f'ħinu"; iżda billi l-kelma titlissen "f'ħejnu", qabillu jiktibha hekk il-poëta.

—li kien jaf biżżejjed xin hi u x'tati l-ħajja—jatina qatigħ: Isimgħu:

IŻ-ŻGĦURIJA

O żmien ħelu, kif għaddejtli
Żmien ta' meta kont bla ħtija!
It-tifkira biss ħallejtli
Biex il-għira nħoss għalik:
Int ma tarġa' iżjed għalija
U sal-mewt indum nibkik.

La taħbit, la ħsieb għall-ħajja
Fiż-żgħurija ma jgħabbina,
Ma tnikkitna l-ebda ġrajja
L-ebda għali, l-ebda hemm;
Kollox ward ikun għalina,
Xewk għal qlubna ma jkunx hemm...

Isimgħu wkoll minn "Iż-Żgħużija"

L-isbaħ biċċa ta' ħajjitna,
Kif igħidu hi ż żgħużija,
Għax saħħitna, għax ħilitna
Fiha tikber, tieħu qies;
Iżda hena, iżda sbuħija
Ma fihiex kemm tgħid in-nies eċċ.

Versi sbieħ u ta' fejda għal kull min daħal xi ftit fis-snin, u jaqrahom bil-ġabra; poeżija mimlija bil-għerf tal-ħajja; poeżija li jista' jħoss il-ġmiel tagħha kullħadd, iżda bil-bosta aktar min jaf x'kellu f'qalbu l-poeta.

Mera sabiħ ta' l-imħabba tal-aħwa tahulna ż-żagħżugħ Rużar Briffa fl-*Epithalamion* fit-tieġ ta' oħtu Marija (Ara *"Il-Malti" — Żjieda għas-sena 1926*), u xhieda ta' mħabba xierqa, safja u sħiħa lejn il-lsien li bih il-Maltin nitkellmu għandna f'*"Ċajt u Ħlieqa"* u fi *"Qtiegħ il-Qalb"* ta' dak il-poeta li f'lôk ismu kien jikteb tliet stilel hekk ***. Isimgħu:

Għandu lsienek, ja Malta għażiża,
Minn dak l-għasel li s-sagħtar jatik,
U mill-baħar li jbusek u jgħannqek,
U mis-sema li jiddi u jħennik.

Ħa mix-xbejba li taħdem fir-raba'
Wiċċ u leħen u xejra w ilbies;
Ħa mis-saħħa ta' drieghek il-qawwa,
Ħa minn qalbek is-safa w il-qies.

Kemm ħabbejtu!...

U mirja, mirja sbieħ ta' tagħlim li jista' jsawwar u jwettaq il-karattru fit-tfal nistgħu nieħdu bil-qabda mill-poeżija dejjem merfugħa u safja, dejjem bnina u mirquma ta' Ġużè Muscat-Azzopardi li mill-ħolqien kollu, saħansitra minn daqsxejn ta' pettirross u mit-tqarmiċ tas-susa ġewwa sieq ta' mejda, għaraf jiġbed ħsebijiet għoljin u fejjieda.

Xi mera sabiħ jista' wieħed jislet ukoll mill poeżija ta' Carmelo Mifsud Bonnici, ta' Ninu Cremona, ta' V. Mifsud Bonnici ta' G. Arena u ta' ħafna poeti oħra, li għannew minn qalbhom, f'kelma ħafifa u mexxejja, misterji tar-Reliġjon, ġrajja ta' pajjiżhom, imħabbiet ta' djarhom, niket u ferħ ta' ħajjithom.

# LI-*STATUS CONSTRUCTUS* FIL-MALTI

Meta rridu nfissru bil-Malti ta' min hi din il-ħaġa jew dik il-ħaġa ninqdew jew bil-klejma *ta'*, jew bis-suffissi tal-pronôm meħmużin man-nôm jew mal-kelma *ta'* hekk ingħidu: *id-dar tas-sultan, dari, id-dar tiegħi.* Iżda bosta drabi nqiegħdu ż-żewġ ismijiet wieħed ma' ġenb l-ieħor mingħajr ebda tibdil u mingħajr ebda żjieda ta' kliem barrani, hekk nistgħu ngħidu: *dar is-sultan* jew *dar sultan.* F'din ir-rabta ta' kliem l-ewwel waħda tiegħu għamla li jgħidulha fl-ilsna semin kollha *status constructus.* Fuqha bi ħsiebi nitkellem hawn.

L-ewwelnett jitqarraq min jaħseb li kelma fl-*status constructus* tirtabat ma' oħra bla xejn ma tittiefes. Ir-rabta li jirtabtu hija hekk qawwija li jsiru qishom kelma waħda: mifrudin fil-kitba u mgħaqqdin fil-ħoss. Ladarba huma kelma waħda, għandu jkollhom aċċent ewlieni wieħed, wara li tkun tilfet l-aċċent il-vokali jekk tkun twila ssir qasira; għalhekk *dâr*, *is-sultan* isiru *dar is-sultan*, bħalkieku *darissultân.* Biex wieħed jara kemm hu hekk tas-sew, biż-żejjed jissamma' ftit kif jitkellmu fir-rħula. Fir-rħula l-vokali t-twal qatt ma tismagħhom safjin, imma dejjem imħalltin b'xi vokali oħra, hekk *bîr* issir *bajr*; iżda jekk dil-kelma tingħaqad ma' kelma oħra, il-vokali tissaffa minn kull taħlit u tarġa' tieħu leħinha waħdu, hekk igħidu *bir id-deheb* u mhux *bajr id-deheb*; dan juri li l-vokali *i* ma għadhiex twila, u ma baqgħetx twila għax tilfet l-aċċent.

Barra minn dan in-nômi bit-*t marbuta* jerġgħu jeħduha, għalhekk ingħidu: *Asaħħ kelmet il-Malti minn ħalfet is-sultan.*

Il-għadd imżewweġ (*...ejn*) għandu jitlef l-*n*, għalhekk jekk irridu niktbu bir-reqqa għandna niktbu *saqaj il-mejda, għajnej it-tifel* u mhux *saqajn il-mejda. għajnejn it-tifel*, bħalma niktbu meta nżidu s-suffissi: *saqaj+k* u mhux *saqajn+k.*

Mela mhux biż-żejjed li żewġ nômi jitqiegħdu ma' ġenb xulxin, iżda għandhom jirtabtu bejniethom biex ifissru dak li jfisser li *status constructus*; jekk tinħall din ir-rabta, jitbiddel it-tifsir kollu, hekk *xkora qamħ, qasba żejt*, mhumiex fli *status constructus*, kull kelma hi mifruda minn sieħbitha, għandha l-aċċent tagħha fejn imissu, u ma jfissrux *xkora ta' qamħ, qasba ta' żejt.* U dan jeħtieġ li wieħed jifhmu tajjeb, biex jifhem aħjar dak li ġej.

Meta żewġ ismijiet marbutin fli *status constructus* huma t-tnejn magħrufin *(determinati)*, jiġifieri, meta rridu nfissru żewġ ħwejjeġ magħrufin, jitqiegħed għelm it-tagħrif (artikolu jew suffiss) mat-tieni wieħed biss, u l-ewwel jibqa' b'xejn, hekk : *dar is-sultan*, *dar missieri*, *dar Ġanni* jiġifieri *id-dar tas-sultan*, *id-dar ta' missieri*, *id-dar ta' Ġanni*, iżda ma nistgħux ingħidu : *id-dar is-sultan*, jew *id-dar sultan*, bħalma nistgħu ngħidu *il-qasba żejt*.

Meta l-ebda wieħed minnhom mhu magħruf, għelm it-tagħrif ma jitqiegħed ma' l-ebda wieħed, hekk : *bint sultan*, jiġifieri *waħda bint ta' wieħed sultan* (una *figlia di* un *re*).

Meta wieħed minnhom biss huwa magħruf, ma jistâx jirtabat ma' sieħbu, imma jkollha tindaħal il-kelma *ta'* bejniethom, tifridhom minn xulxin u ma tħallix li għelm it-tagħrif tal-wieħed imiss il-ieħor, u għalhekk għandna ngħidu : *dar tas-sultan* (una *casa* del *re*), *id-dar ta' sultan* (la *casa di* un *re*).

Kelma fli-*status constructus* tista' tirtabat ma' tnejn oħra, hekk nistgħu ngħidu : *sid is-sema u l-art*; imma ma jistgħux żewġ kelmiet fli-*status constructus* jirtabtu ma' kelma waħda hekk ma nistgħux ingħidu : *missier u omm it-tifel*, bħalma ngħidu *siegħ u kejla ful*, iżda għandna ngħidu *missier it-tifel u ommu*, għalkemm xi drabi niksru din ir-regula, bħalma ġie li jiksruha wkoll fil-Għarbi, fil-Lhudi u f'ilsna u djaletti oħra semin.

Għidna li kelma fli-*status constructus* ma jista' qatt ikollha l-artikolu, l-anqas meta rridu nfissru biha ħaġa magħrufa (*determinata*), għalhekk ingħidu : *bin is-sultan*, imma mhux : *il-bin is-sultan*. Madankollu ngħidu : *rajt 'l bin is-sultan*, kellimt *'l ħu t-tifel* u oħrajn. Iżda wieħed għandu jqis tajjeb li hawn il-kelma *l* mhix artikolu, imma għelm tal-*Akkusativ*, jew aħjar, tal-oġġett tal-verb. Għalhekk ma tistâx tingħaqad mal-kelma ta' wrajha, u niktbu *rajt il-bin is-sultan*, bħalma ma nistgħux niktbu : *rajt l-oħtok*.

**Sajdun.**

# SAN PAWL MILQGHI

Irrid naħseb li ma hawnx Malti li ma jafx fejn hi l-knisja ta' San Pawl Milqgħi, imma billi kollox jista' jkun fid-dinja, aħjar wieħed jaħseb ħażin u jitkellem fuq San Pawl Milqgħi bħalli kieku ma jafu ħadd.

Fuq nitfa ta' għolja, max-xellug ta' min ikun dieħel San Pawl il-Baħar, mat-triq ta' Għajn Riħana, sew-sew fejn tfegġ it-triq li tiġi min-Naxxar, tidher mill-bogħod, min-naħa ta' Bur-Marrod, nitfa ta' knisja, weħidha fuq il-quċċata tal-Għolja. X'fiha biex wieħed għandu jinġibed lejha dil-ħalja knisja, imwarrba, li tasal ħdejha minn trejqa tiela' dejjem, imwarrba, imwergħa, maqtugħa l-fuq fil-blat qargħi, mikul u mħaffer, qambi; liemi u mżelleġ, fix-xitwa, imgħabbar u mxewwek fis-sajf ? Isimha biss u r-roqgħa blat li fuqha ġiet mibnija jmissu jkun biżżejjed biex jitfa' fuqha għajnejn l-insara kollha bħal ma jintefgħu minn kullimkien fuq il-katidral ta' San Pietru ta' Ruma, għax jekk din tfakkarna fil-kbir Appostlu San Pietru, il-knisja żgħira tagħna hi marbuta mal-kbir Appostlu San Pawl. Liema xiber art tad-dinja tgħidilna li fuqha wieħed jista' jaħlef li rifes u qagħad u tkellem u għamel għeġubijiet San Pawl ? Fuq dax-xiber art il-Kotba Mqaddsa jitkellmu mita jgħidulna kif dal-qaddis sab ruħu hawn wara li ra l-Għarqa. Fl-Atti tal-Appostli, Kap. 28, (7, 8 u 9) insibu : " 7. F'dawk l-inħawi " kien hemm l-oqsma tar-rajjes tal-Gżira, li kien jismu Publiu " li laqagħna u żammna għandu tlitt-ijiem bil-ħlewwa " kollha. 8. U ġara li missier Publiu kien mixħut marid bid-" deni u bis-sabb (*dissenteria*); Pawlu daħal għandu u talab " u medd idejh fuqu u fejqu. 9. Meta sar dan, oħrajn " li kienu morda fil-Gżira ġew u kienu mfejqin."

San Pawl ma mitejn u ħamsa u sebgħin ruħ oħra kien telaq minn Kreta ma' bastiment li għal erbatax-il-jum ġie mkasbar mill-baħar bejn sema u ilma sa ma wasal fuq il-Gżejjer ta' Selmun fejn tkisser fuq il-blat. In-nies minn Selmun, mill-Mistra, minn Għajn Stas, mill-Wardija, inġabret f'xatt il-baħar u għamlet li setgħet biex lil dawk l-imsejkna li ħelsu mill-għarqa jfarrġuhom, isaħħnuhom u jsibulhom fejn jistkennu u jistrieħu. Fuq il-għolja ta' biswit il-wilġa ta' Bur-Marrod il-ħakem tal-Gżira kellu daru f'nofs l-oqsma tiegħu. Malli sama' x'kien ġara bagħat lill-qaddejja tiegħu biex ifittxu jġibu f'daru n-nies tal-ġieh minn fost

dawk kollha li qabdu l-art biex idur bihom qabel ma jitilqu lejn il-Belt. Fosthom ġie San Pawl li għajjien mit-taqbida mal-baħar, sab ruħu mqandel, u milqugħ tajjeb mal-kbarat sħabu kif kien jixirqilhom bħala Rumani li kienu. Biex jiżżiħajr lil Publiu, San Pawl talab li jara lil missieru li sama' li kien marid bid-deni. Malli daħal ħdejh, midd idejh fuqu, rafa' għajnejh lejn is-sema u talab għalih 'l Alla. Ix-xiħ fieq minnufih. Għandna naħsbu li Pupul xtaq jatih għajnejh lil Pawlu tal-imħiba li ra minnu; ma tahx għajnejh iżda tah ħaġa aktar għażiża, tah ruħu, li minn dak il-ħin intrabtet mad-din il-ġdid li beda jxandar Pawlu, u bil-għajnuna t'Alla, sar il-quddiem, Isqof u Qaddis.

Sa hawn dawn il-ġrajja nieħduhom mill-Kotba Mqaddsa, imma aħna nistagħu nifhmu aktar minn ħaddieħor li dak li ġara, ġara kif intqal għax għad nistgħu mmissu b'idejna u naraw b'għajnejna dak li fadal fl-art tagħna minn dawk iż-żmenijiet.

Li Publiu kellu dar fuq il-għolja li tħares lejn Bur-Marrod m'hiex qlajja' għax għad li l-Villa ta' Publiu waqgħet, is-sisien għadhom hemm u għad jista' jarahom kullħadd. Dnub u għajb għalina li kullħadd għadu jista' jara l-fdal tal-villa ta' Publiu u ħadd mhu sidu li jaqlagħhom u jeqridhom. Kellna xorti li ruħ tajba li tabilħaqq kienet tħobb lil Malta ħasbet li tinbena knisja fejn darba kienet il-Villa ta' Publju.

Dil-knisja ġiet imsemmija min-nies "San Pawl Milqgħi". Ma' dwar dil-knisja għadhom jinsabu fdal tal-Villa, sisien, qigħat, frak tal-musajk, frak tax-xaqquf, frak tar-rħam, darba nsabet biċċa minn magħsra taż-żejt li l-lum tinsab fil-Mużew tal-Belt. Jekk wieħed ma jeħux ħsiebu dan il-fdal kollu jintemm u jisfa fir-riħ. Dik il-quċċata għad tkun miżmuma bħal biċċa art għażiża u mqaddsa mita n-nies iddaħħal f'rasha li l-fdal tal-Villa ta' Publiu jixhed bid-dieher fuq il-kliem miktub fl-Atti tal-Appostli, u li San Pawl qagħad hemm tlitt-ijiem u għammed hemm l-ewwel Maltin u għamel l-ewwel għeġubijiet, u għad kull sena jsir pellegrinaġġ biex in-nies tixteħed tbus il-fdal ta' dik id-dar ixxurtiata.

Li missier Publiu kien marid bid-deni u bid-dissenterija nifhmuh malajr mita nintebħu li l-bur ta' madwar il-għolja, Bur-Marrod, ġie msejjaħ hekk għax kien iġib il-mard. Bur li jmarrad, għax f'dik il-wesgħa l-ilma tax-xita kien u tista' tgħid għadu, joqgħod u fis-sajf kien iġib id-deni, il-Malarja, ingħidu aħna, u milli nifhmu mill-Ktieb tal-Atti

missier Publiu deni bħal dan kellu. Il-lum nafu li l-Malarja kienet fiż-żmien kull fejn kien hemm ilma qiegħed f'Malta, u, għalhekk kienet f'lokha s-Salini u Burmarrod. U għalhekk, naħseb jien, Publiu kellu Villa fuq il-għolja u mhux fil-wita, għaliex minn dejjem in-nies kienet taf li għandha torqod il-bogħod mill-ilma qiegħed biex ma timradx bil-malarja.

Mela wieħed għandu biex jaħseb li l-isem ta' Burmarrod iwettaq il-kliem tal-Kitba tal-Appostli.

U hekk niġu f'dan, il-kelma Pwales naħseb li għandha x'taqsam mal-miġja ta' San Pawl ukoll. B'ilsien ix-xamin Pawlu chien jissejjaħ Bulos u naħseb li l-wesgħa tal-wied, fejn tfeġġ għal fuq il-baħar, ġiet min-nies qodma tagħna msejħa "ta' Bulos" u aktar lejna "tal-Pwales". Għax il-kliem jitgħawweġ u jitbiddel biż-żmien.

Nieħdu l-kelma Rasul. Bil-Għarbi u bl-ilsna li jixbhuh, il-kelma Rasul tfisser Appostlu. Il-Misilmin għadhom igħidu "Alla Kbir u Mawmettu Rasul Alla..." Mita l-Malti kien għadu jarda minn fuq ommu, għal Maltin Rasul kien Appostlu ukoll u għalhekk dik il-għajn li kif iddur minn xatt il-baħar u tiġi biex tidħol ir-raħal ta' San Pawl, ġiet mill-Maltin ta' dak iż-żmien imsejjħa Għajn Rasul, għax għalihom San Pawl li għammidhom kien Rasul. Mn'Alla li l-kelma baqgħet u l-għajn baqgħet tissemma biex tfakkar li San Paul xorob minn dik in-nixxiegħa ! Din il-għajn hi xhieda oħra ta' dak li hemm miktub fl-Atti tal-Appostli u l-Maltin għandhom biex jiftaħru li lsienhom jista' jati xhieda bħal din lill-Kotba Mqaddsa !

Ħwejjeġ bħal dawn ma għandhom jitħallew jintilfu qatt. In-nies kollha għandha tara li dan ma jsirx, għax il-għożż tal-ħwejjeġ qodma li jistgħu jkunu ta' ġieh lil Malta ma jistax ikun xogħol ta' bniedem wieħed imma xogħol ta' għalenija, xogħol ta' kullħadd. Il-Gvern qiegħed jagħmel biżżejjed u jonfoq ħafna flus fis-sena biex jinżamm kif imiss dak kollu li sar fl-imogħddi imma mhux dejjem isib min igħjnu f'dil-ħidma u aktarx isib min ifixiklu. In-nies trid tkun, għax jekk niġu f'hekk li ngħożżu l-ġrajja ta' din l-art imissu jkun dmir ta' kullħadd għax l-istorja ta' Malta għandha tkun f'qalb il-Maltin kollha għax lilhom tagħmel ġieh jekk tinżamm safja, għanja, mirfuda mill-aħjar u għalihom il-għajb jekk dak li sar qabilna jitħarbat, jintilef u fl-aħħar imur mar-riħ.

T. Z.

# WAĦDA BISS...

*Lil-Rużar Briffa, poeta.*

Elf wieħed kien ġarrab il-ħlewwa
ta' kelmtu, elf wieħed
kien miegħu
meta l-qawwa ta' driegħu
fejqet kull xorta ta' mard:
elf wieħed
kien xejjer il-friegħi tal-palm,
u għanna, ferrieħi bħal salm:
"Hosanna lill-Iben ta' David!"

Meta Għira miġnuna
lit-Twajjeb li għallem li ħafer
bidlitu ma' midneb qattiel,
u għajjritu,
ħaqritu,
sammritu fuq l-eħrex salib,
ħadd minnhom—mill-elf illi fiequ,
ħadd minnhom—mill-elf illi għajtu
"Hosanna!" ma daħal għalih,
ma għenu, ma sabbru, ma ħjieh,
ma tala' fuq l-għolja tal-waħx.

Waħda biss,
waħda
li kienet il-mara tad-dnub,
li ħabbet, li xegħret, li nħafret,
wensitu lil dak il-Mislub
sa l-aħħar, sat-tmiem
u f'niket bla kliem,
imgħannqa mal-għuda mifdija,
fuq ir-riġlejn tal-Mejjet
aktar mill-balzmu jfuħ
xerdet qalbha fi dmugħ.

**Dun Karm**

# IL-MALTI U L-GĦARBI TAL-PALESTINA

Minn liema lsien huwa mnissel il-malti ?

Għal din il-mistoqsija, dawk li jafu jew jidhirlhom li jafu xi ħaġa fuq l-ilsna, ma jaqblux bejniethom fit-tweġiba li jatu. Min jgħid li l-malti nisel il-lhudi; min igħid li hu feniċ; min għarbi ta' Tunes, min għarbi ta' Libnan. Jista' jkun ukoll li xi ħadd jgħid li hu għarbi masri jew xi lsien ieħor, għalkemm lili, billi m'jeniex f'Malta ma laħaqx wasalli f'widnejja.

Jien hawnhekk, ma rridx nindaħal fejn ma jesagħnix billi ngħid kif inħossha fuq nisel il-malti, għax ma nqishiex ħaġa tiegħi li bit-teftufiet tal-għarbi li għandi mmur niż-żattat ħdejn irġiel li għomorhom u żmienhom iqallbu l-kotba. B'dana kollu, il-għaxar snin li ili ngħix fost il-għarab, naħseb li huma biż-żejjed biex nista' nagħraf il-laqxa t-tajba mill-ħażina biex innewwilha lill-bennejja ħalli jirfdu l-imramma tagħhom.

Irrid kieku nqabbel il-malti mal-għarbi tal-Palestina u m'hux ma' ieħor, għax iż-żmien kollu li ili barra minn Malta, għaddejtu fil-Palestina, aktarx f'Ġerusalemm jew ma' dwarha. Tas-sew li n-nies ta' hawnhekk ma jitħaddtux kollha bħal xulxin; minn belt għal belt, minn raħal għal raħal, hemm dejjem xi kliem li ftit jew wisq jitbiegħed mill-ieħor (1). Imma billi, kif għidt, jien aktarx kont dejjem f'Ġerusalemm jew ma' dwarha, fejn jiġu nies minn kull imkien, il-lsien li nisma' jitħaddtu bih, huwa bħala l-ġemgħa tal-ilsna kollha li jitħaddtu bihom f'kull naħa tal-Palestina.

Biex naqtgħu fil-qasir, immorru mill-ewwel fil-qalba, u nġibu ġemgħa ta' kliem midmum, ħalli kull min jaqra jista' jara x-xebħ li hemm bejn il-għarbi u l-malti. Hawn hu: min jitkellem huwa missier li jgħallem lil ibnu jagħlef u jisqi l-baqra.

1. Tagħal ja Tannus, u għalef il-baqra.

2. Ħott magħ t-tibn tlaet ħafnaet kirsennae.

3. Qarreb, ja ebni, u la tħafx minnhae, ħijae ħedjae u ma tintaħx.

4. Eklet il-għatf. Jilżem al'an tisqiħae maj mn'il-għajn.

5. Hill erbâtha u iiffhu għalae qrunħae. Bagħden, ħud el-għasaj, u suqha għalae meħl. La tadrubha ketir

6. Wasalna il-għajn. Tmeħħel għaliħae li taxrab.

7. Xabgħat. Suqha u arġagħ bihae ilee il-maqbad, u qul l'oħtak Selmae taħlibhae.

Ma naħsebx li jinħtieġ infissru kollox bil-malti kelma b'kelma; biż-żejjed infissru dak li hu meħtieġ.

1. Taghal = ejja. Fid-Dizzjonarju ta' Falzun, hemm: Talhaw, li tfisser Ejja l'hawn. 2. Hott = ixħet, qiegħed. Kirsennae = ħaxixa li tixbah liż-żofsfa jekk m'hix hi n-nfisha. Jatuha lill-bhejjem bħala ġwież. 3. Qarreb = oqrob, ersaq. Tħafx = tibżax. Ma tintaħx = ma tatix bir-ras. 4. Eklet = kielet. Jilżem = jiħtieġ. Al'an = issa. Hemm wisq nies igħidu *issa* bħalna l-maltin. Maj = ilma (il-ma). 5. Baghden = imbagħad. Hud el-għasaj = hu l-għasluġ, il-ħatar. Għalae meħl = bil-meħl (pian-piano). Fil-Falzun għandna wkoll *mieħel*, li jfisser wieħed artab, li jagħmel kollox b'meħlu. La tadruha ketir = la taħbatha wisq, bil-kotra. 6. Tmeħħel = kun mieħel, la tgħaġġilx. 7. Il-marbad = il-maqjel. Qul = għid. Minn dan il-verb ma baqalniex fil-malti ħlief l-imgħoddi Qal.

Il-kliem malti qiesu kollu jinsab fil-għarbi tal-Palestina. Hemm xi kliem li għadni qatt ma smajtu. Ara x'erbgħa: barri, bebbux, bixkilla, bitħa, brimba, biqa, dgħajsa, gerżuma, qannata, mgħażqa, misraħ, xellug, żrinġ, żagħżugħ, u oħrajn li bħal issa ma' jiġunix f'moħħi.

Hemm imbagħad kliem li għalkemm ħossu bħal malti, ittifsir tiegħu huwa ħaġ'oħra. Ara xi tnejn :

| *Malti.* | *Għarbi.* |
|---|---|
| Ħalq = mouth, bocca. | Ħalq = throat, gola. |
| Għajjien = tired, stanco. | Għajjân = sick, ammalato. |
| Fieq = heal, guarirsi. | Fâq = wake, svegliarsi. |
| Xieref = hard, duro. | Xarìf = honoured, reverito. |
| Kebbes = light, accendere. | Kebbes = squeeze, spremere. |
| Blat = rocks, roccie. | Balât = flagstones, mattoni. |
| Ħażin = evil, cattivo. | Ħażin = sad, triste. |
| Tama = hope, speranza. | Tama' = greed, avarizia. |
| Ftakar = remember, ricordarsi. | Ftakar = think, pensare. |
| Leħen = voice, voce. | Leħen = melody, melodia. |

U oħrajn li bħal issa nsejthom.

* * *

Hemm ukoll kliem fil-malti li jinsab fil-għarbi, imma li aħna l-maltin aktarx biddilna xi ħaġa minnu jekk ma ħarbatnieħx għal kollox. Ħa' nsemmi xi waħda li niftakarha bħal issa: aħna ngħidu: Mela! b'żewġ tifsiriet, waħda taqbel mat-taljan *certamente*, u oħra ma' *dunque*. Ara kif: "Imbagħad x'għamiltu? Bqajt sejjer il-quddiem?" "Mela" (*certamente*). "Mela lè?" (*dunque no?*). Bil-għarbi jgħidu: Mbela, fl-ewwel tifsira biss.

Il-għarab, fejn aħna l-maltin ingħidu, *igħaġġibna*, igħidu, "Jahxat". Minn dan, *ġibna* jgħidulha "Haxta," *ġibda żgħira*, ħxajta. Minn din il-kelma ġiet *iċ-ċajta* tagħna l-maltin.

It-tin il-bikri li jsir f'Ġunju, aħna ngħidu *bajtar*, jew, *tin tal-bajtar*. Il-għarab il-*qiegħa* (l-andar) igħidulu biedar; minn hawn il-kelma *bajtar* tagħna. Billi dak il-ġens ta' tin isir għal żmien l-andar, għall-ewwel in-nies kienet issemmih "*Tin tal-bâdar*," id-*d*, tbiddlet u saret *t*, u hekk drajna ngħidu *tin tal-bajtar*. Dan l-aħħar, waqgħet ukoll il-kelma *tin tal*, u sirna aktarx ingħidu "bajtar" biss. Il-bajtar tax-xewk, billi jibda wkoll fiż-żmien li n-nies tkun għadha tidres, issemma bajtar ukoll.

Hemm ċekċik ieħor bħal dan, imma naħseb aħjar inħallih barra biex ma ntawwalx.

* * *

Teftufa oħra u biż-żejjed. Fir-rħula tal-Palestina, wisq drabi fil-kliem fejn tidħol il-*k*, isemmgħuha *ċ*, bħallikieku: Il-klaeb tokil kill xi (il-klieb tiekol kollox), huma jgħidu: Iċ-ċilaeb toċil ċill xi. Kif ħalok (kif int?), igħidu: Ċif ħaleċ? jew, Kif ħaleċ? u wkoll, Ċif ħalek? Aħna l-maltin sa fejn niftakar m'għandniex għajr żewġ kelmiet li fihom nibdlu l-*k* maċ-*ċ*. waħda: ċlamit, bil-għarbi karmit; u l-oħra b'Alleċ, minn b'Allek, = b'Alla tiegħek (ħalfa).

Il-għarab tal-Palestina, qabel *i*:— fgħal l-imdara' (verbo t. pres.), iwaħħlu l-*b*, bħala: Ana b'exufx = ma narax. B'eruħ il-jum = immur il-lum. Il-għasfur b'igħanni = il-għasfur igħanni, u hekk il-bqija. Aħna l-maltin dan ma nagħmluh qatt.

L. G.

Il-Palestina.

# IL-GĦANJA MALTIJA.

*Lil pöeti maltin li telgħin.*

Fi ktieb bil-franċiż, mitbuħ fl-1791, li jismu "Malte par un Voyageur Francois" u li għal kemm mingħajr l-isem ta' l-awtur, nafu li kitbu l-Kavalier de Saint Priest, sibna—ħaġa li ma nsibuhiex f'kotba oħra—il-fehma tal-kittieb fuq il-poeżija maltija.

Il-kliem tiegħu fuq il-poeżija tagħna ma hux l-iżjed ħelu, bil-maqlub, nistgħu ngħidu li hu ftit u xejn iebes: iżda ma satax ikun xort'oħra għaliex fiż-żmien li nkiteb dak il-ktieb ma kienx hawn f'Malta ħlief il-poeżija popolari, jiġifieri dik li, bħal ma jgħidilna hu n-nifsu, kienet titgħanna minn xi nisa jew xi rġiel fuq il-kitarra f'xi ħabtiet ta' festi, jew ta' ferħ.

Ma dan kollu dan il-kittieb franċiż ma stmerrx iġib, maqlubin mill-malti fil-franċiż, tliet għanjiet żgħar, ġa qodma ħafna fi żmienu; għanjiet ta' erba' versi kull waħda u mqabblin it-tieni vers ma' ta' l-aħħar.

Fil-faċċata 63 tal-ktieb tiegħu, De Saint Priest igħidilna li dawn il-għanjiet, kien ġabarhom mill-fomm tal-għannejja u kitibhom il-qassis Navarro (M. l'Abbé Navarro), li biex iħaffef il-qari tagħhom għal min ma kienx jaf bil-għarbi, sawwar alfabett b'xi tnax l-ittra mill-għarbi jew mill-persjan, miżjudin ma' l-alfabett taljan.

Il-għanjiet, miktubin bl-alfabett tagħna, huma dawn li ġejjin:

1.

Min jitma fit-tama
 It-tama tqarraq bih;
 Jagħmel ir-riħ fil-bomblu,
 Jaħseb li jsiefer bih.

2.

Smajt li 'nti tarbit l-imħabba;
 Għidli fl-imħabba xi ġralek,
 Ejja tħaddet għommtok miegħi,
 Għax nibża' l' jien ġrali bħalek.

3.

Għadira li tixrob minnha
 Nitolbok la ddardarhiex,
 Għax imur żmien jiġi ieħor,
 Tfittixha u ma ssibhiex.

*

Għalkemm mimlijin bil-għerf li jiġi mit-tiġrib tad-dinja, poeżija kbira ma fihomx dawn il-għanjiet. Iżda l-awtur tal-ktieb għamel wisq sewwa li ġabrilna dawn il-għanjiet li fi żmienu kienu diġa' qodma bil-bosta. Hu jgħidilna li l-imħabba għall-poeżija daħħluha f'Malta l-Griegi u li l-Għarab imbagħad tawha xejra orjentali. Kif-in-hi sewwa din il-ħaġa, aħna ma nafux: iżda minn kollox jidher li l-ġibda għall-poeżija, f'Malta, qadima biż-żejjed, u li l-ġens malti, hekk kif igħanni l-lum, għanna eluf ta' snin ilu, u dejjem fisser bil-għana l-għerf miġbur mill-ġrajja u mit-tiġrib tal-ħajja, u t-tqanqil tal-qalb fl-imħabba, li naħseb, kien minn dejjem qawwi daqs kemm irżin fiż-żgħażagħ maltija.

*

Fit-tieni għanja laqatni bil-bosta t-tiswir tal-versi. L-ewwel darba li qrajthom — nistqarr is-sewwa — ma fhimtx minnufih x'sura ta' versi kienu. It-tielet vers ħassejtu ma' l-ewwel tlissina li hu vers tat-tmienja: imma l-oħrajn? Arġajt qrajthom bil-mod il-mod, kif wieħed jaqra biċċa proża, u marraba' jew ħames darba kxift dik il-ħaġa li serqitni, dik il-ħaġa ta' teknika perfetta li ma kont nistenniha qatt f'għanja popolari maltija—ħaġa li, kont sejjer ingħid, ġegħlitni naħseb illi jew dik il-għanja kienet maħduma minn wieħed tas-sengħa, poeta tas-sew; jew li l-poplu malti kellu xeħta barranija għat-tiswir tal-versi u għat-tqabbil.

Kxift illi l-għanja magħmula minn erba' versi kollha tat-tmienja (ottonarji), iżda l-ewwel, it-tieni u l-aħħar bil-waqgħet tal-leħen fuq l-ewwel, fuq ir-raba' u fuq is-seba' sillaba, fil-waqt illi t-tielet vers għandu l-waqgħa tal-leħen fuq it-tielet u s-saba', bħal ma nkitbu dejjem, sa ftit snin ilu, fit-taljan.

Hekk, dawn il-versi tat-tmienja huma maħdumin bħall-versi tad-disgħa, neqsin mill-ewwel sillaba, sewwa sew kif il-versi tad-disgħa huma maħdumin fuq dawk tal-għaxra neqsin mill-ewwel sillaba, ara kif:

Smàjt l'inti tàrbit l-imħàbba
 Għìdli fl-imħàbba xi ġràlek
 Ejja tħàddeż għomtok mìegħi
 Għàx nibża' l'jièn ġrali bħàlek.

*

Fuq din il-għanja, li bħala poeżija hi l-isbaħ waħda fost it-tlieta, ridt nikteb daqsxejn ta' għanja kif naħseb kellha

tinkiteb dak iż-żmien, mhux biex infisser xi sentiment ġdid, jew tqanqil barrani tal-qalb fl-imħabba; iżda biss biex nuri illi l-versi maħdumin hekk jimxu tajjeb ħafna, u jiksru, meta jkunu mqegħdin bis-sengħa, dik il-monotonija tal-versi tat-tmienja li jkollhom dejjem il-waqgħa tal-leħen fuq it-tielet u fuq ta' qabel l-aħħar. Il-għanja din li ġejja.

## GĦANJA FUQ TA' DARI

Xtaqt nisma' kelma minn fommok,
Kelma ċkejkuna, ċkejkuna,
Dik suritha nar u għasel,
Qegħda ġe' qalbek maħżuna:

Għax ta' di'l-kelma moħbija
Rajt jiena l-leħħa f'għajnejk;
U ħlewwitha u bennitha
Dehret minn daħkit xoftejk.

Għidli li tħobbni, ħanina,
Ħa' nerħi r-riedni lill-qalbi:
Xin hu jżommok? Għaliex tistħi?
Għidli li talbek bħal talbi.

*

Biex nagħlaq, xtaqt inwissi liż-żgħażagħ tagħna li, qabel ma jatu ruħhom għall-kitba tal-poeżija, jifhmu tajjeb xinhuma l-għelmiet tal-għanja maltija, biex ma jiġġerrewx iż-żejjed wara t-tlellix tal-għana barrani.

Is-sabiħ hu sabiħ kullimkien; u l-għanja barranija tista' tolqotna, tgħaxxaqna, issaħħarna; iżda qatt ma għandha tħaj-jarna u tisraqna li nħallu wrajna u ninsew dik li hi tagħna, dik li hi ħajjitna, dik li hi aħna.

**Dun Karm.**

# ID-DAĦLA ĠOL-BIRGU TAL-GRAN MASTRI TA' MALTA

*(Jissokta ma' ta' qabel)*

Meta l-Gran Mastru kien jinżel l-art f'Bormla, kienu jsellmulu, bl-isparar tal-kanuni u l-maskli, mill-Birgu.

Barra minn hekk, Perellos, Zondadari u Vilhena sellmulha ukoll is-Suldati li kienu jiġu mqegħda fix-xatt ta' Bormla. Dawn is-Suldati kienu jilqgħu u jsellmu lill-Gran Mastru bl-isparar ta' l-azzarinati, u l-Fizzjali tagħhom bit-tmejjil tal-Lanez.

Għall-bidu ta' din id-drawwa tad-daħla ġol-Birgu, meta l-Gran Mastru jinżel quddiem il-Kunvent ta' Santa Tereża, kien jiġi milqugħ mill-Kavlerija tal-Gżira u minn ħafna Kbarat Maltin. Mill-Gran Mastru Rafel Cottoner, bdew jiġu milqugħa wkoll mill-Ingiżitur; iżda fid-daħla li għamel Adrijan Wignacourt, ma sibniex imsemmi li kien hemm l-Ingiżitur jilqa' lil dan il-Gran Mastru.

Sew il-Gran Mastru Zondadari, kemm ukoll il-Vilhena, meta waslu l-art ġew milqugħa u servuti mill-Fizzjali u Kavalieri Paladini. Ta' Zondadari kienu f'għadd ta' iżjed minn tmenin, u ta' Vilhena kienu l-fuq minn mija.

Il-bqija tal-Kavalieri l-oħra li kienu ma' dawn iż-żewġ Gran Mastri li semmejna, meta waslu fix-xatt bid-dgħajjes wara l-gondla ta' Zondadari u l-Vilhena, id-darbtejn ġew milqugħa mill-Pirjur u l-Patrijiet l-oħra sħabu tal-Kunvent ta' Santa Tereża, flok l-Ingiżitur.

It-tluq mix-xatt ta' Bormla għall-Birgu, m'hux il-Gran Mastri kollha għamluh xorta waħda. Il-Gran Mastru Pawla telaq riekeb fuq żiemel, b'miegħu l-Gran Kruċi, il-Kavalieri, il-Kavlerija Maltija u l-ewlenin nies tal-Gżira. Laskri x'aktarx li telaq hekk ukoll. Fid-daħla tal-Gran Mastru De Redin, l-ewwel ma niżlu l-art f'Bormla kienu l-Gran Kruċi, biex imorru jilqgħuh fejn il-Bibien tal-Birgu, billi dan il-Gran Mastru kellu jasal hemm merfugħ f'suġġetta. Iżda Perellos u l-Gran Mastri l-oħra ta' warajh, qabel telqu għall-Birgu, għaddew fil-Knisja ta' Santa Tereża.

Il-Gran Mastru Perellos ġie milqugħ mill-Ingiżitur fil-bieb ta' Santa Tereża; iżda fid-daħla ta' Zondadari u ta' Vilhena l-Ingiżitur mar jiltaqa' ma' dawn il-Gran Mastri f'nofs il-Misraħ ta' quddiem il-Knisja.

Wara li l-Ingiżitur u l-Gran Mastru jifirħu b'xulxin, kienu jibqgħu sejrin lejn il-Knisja ta' Santa Tereża. L-Ingiżitur, li kien ikun liebes is-Suttana, ir-Rukkett u l-Mantelletta fil-mixi kien dejjem joqgħod fil-lemin tal-Pirjur ta' San Ġwann. Meta jaslu fil-bieb tal-Knisja, l-Ingiżitur kien jieħu l-espersorju minn għand il-Pirjur ta' Santa Tereża u jnewwel l-ilma mbierek lill-Gran Mastru. Imbagħad wara li l-Ingiżitur jieħu hu u jħalli jieħu lill-Prijur ta' San Ġwann, ibierek lill-Gran Kruċi u lill-Kavalieri l-oħra.

Meta l-Gran Mastru jidħol fil-Knisja, li kienet tkun kollha mżejna, kien imur joqgħod għarkobtejh fuq ġinokkjatur bl-imħadet li jhejjulu quddiem l-Altar Maġġur. Fin-naħa l-waħda u l-oħra ta' dan il-ġinokkjatur kienu jithejjew ukoll żewġ imħadet oħra. Tal-lemin għall-Ingiżitur u tax-xellug għall-Pirjur ta' San Ġwann. Barra minn hekk, fiż-żewġ inħawi tan-navijiet tal-Knisja, kienu jhejju wkoll is-siġġijiet, bl-imħaded quddiemhom, għall-Gran Kruċi.

Il-Gran Mastru kien joqgħod għarkobtejh igħid xi talb, u l-oħrajn joqogħdu fuq is-siġġijiet li semmejna.

Wara li l-Gran Mastru jispiċċa mit-talb, kien jidħol fis-Sagristija, b'ta' ma' dwaru miegħu. Hemm isib imhejji, fuq tarġa għolja nofs xiber u mgħottija b'tapit, Siġġu Maġistrali (ta' Gran Mastru) miksi bil-bellus. Fil-lemin ta' dan is-Siġġu, kien hemm mejda żgħira mgħottija b'tapit tal-ħarir bil-bizzilla b'fuqha l-Berrettun u l-Borsa (ilbies tal-Gran Mastru). Fil-ġnub tal-Gran Mastru kien hemm siġġijiet oħra għall-Gran Kruċi u l-Ingiżitur. Dan qagħad fuq l-ewwel siġġu tal-lemin, u l-oħrajn kullħadd kif imissu. Imbagħad il-Pirjur ta' Santa Tereża, flimkien mal-Patrijiet tiegħu, taw xorb xelu u ħlewwiet oħra lill-Gran Mastru u lill-oħrajn.

Meta jispiċċaw minn dan l-ikel u x-xorb, is-Surmast taċ-Ċerimonji tal-Kattidral kien imur igħarraf lill-Gran Mastru, li l-Isqof wasal proċessjonalment, bil-Kapitlu u l-Kleru tiegħu, fejn ir-Rixtellu tal-Bieb tal-Birgu, biex jiltaqa' miegħu (mal-Gran Mastru), bħalma hekk sar fi drabijiet oħra.

Dan iċ-ċerimonjar kollu li semmejna li sar fil-Knisja ta' Santa Tereża, sibnih imsemmi biss fid-daħla ta' Zondadari u f'ta' Vilhena. Għalkemm Perellos daħal ukoll f'din il-Knisja; iżda fuq dan il-Gran Mastru ma sibniex ħlief li mar qagħad għarkobtejh jitlob; imbagħad, meta ġie mgħarraf bil-wasla ta' l-Isqof, daħal fil-Kunvent jilbes l-ilbies ta' Gran Mastru.

Għall-bxara tas-Surmast taċ-Ċerimonji, il-Gran Mastru jilbes il-Berrettun u l-Borża u kien jitlaq lejn il-Birgu, b'warajh l-Ingiżitur fil-lemin tal-Pirjur ta' San Ġwann u wara

dawn il-Gran Kruċi. Quddiem il-proċessjoni kienu jimxu għadd kbir ta' Kavalieri u ħafna nies.

F'din il-Proċessjoni li kienet issir, meta l-Gran Mastru jitlaq għall-Birgu, quddiem il-Gran Mastru jkun hemm il-Mastru Skudjier. Iżda mill-Gran Mastru Perellos, barra l-Mastru Skudjer, beda jkun hemm ukoll il-Kap Kmandant tal-Kavlerija tal-Gżira. Dan kien iżomm, fuq idejh, ix-Xabla msejha tal-*Vittorja*, dik ix-Xabla li Filippo t-Tieni ta' Spanja kien ta' lill-Gran Mastru Vallette, b'turija ta' ferħ u qima lejh, għall-kbira Rebħa li fl-1565 kienet saret fuq it-Torok mill-Maltin.

Is-Suldati li kienu jkunu fix-xatt ta' Santa Tereża, kienu jiġu mqassma u mifruxa mal-banda l-waħda u l-oħra ta' dik it-trîq li mix-xatt ta' Bormla tati għall-Birgu. Waqt li l-Gran Mastru jkun għaddej minn bejnhom kien jiġi msellem minn dawn is-Suldati bl-isparar ta' l-azzarini, u, mill-Kaptan tagħhom, bit-tmejjil tal-lanez.

Meta l-Gran Mastru Zondadari kien għaddej minn din it-trîq, barra milli ġie msellem mis-Suldati tar-Riġment tal-Milizja ta' Bormla, ġie msellem ukoll minn biċċa mis-Suldati tax-Xwieni ta' Malta li kienu ġew imniżżla l-art biex jieħdu sehem fid-daħla ta' dan il-Gran Mastru.

Barra minn hekk, bid-daħla ta' Zondadari bdiet tieħu wkoll sehem il-Kumpanija tad-Draguni (Suldati fuq iż-żwiemel) tal-Għassa tal-Gran Mastru. Dawn is-Suldati kienu jitqassmu fil-ġnub tal-Proċessjoni u jimxu magħha, mingħajr żwiemel, biex jagħmlu l-wisa' minn bejn in-nies li b'għadd kbir kienu jkunu hemm għal din il-festa.

Fid-daħla tal-Vilhena, waqt li dan il-Gran Mastru kien sejjer minn Bormla għall-Birgu, ir-Riċevitur tiegħu, kull x'ħin beda jfettillu, kien jaqbad qabda flus tal-fidda, tal-Gran Mastru l-ġdid, u jitfagħhom fl-art biex in-nies tiġborhom u teħodhom.

Meta l-Gran Mastru kien jasal fejn ir-Rixtellu tal-bieb tal-Birgu, dak il-Bieb li hu msejjaħ *ta' Provenza*, kien isib ġinokkjatur imhejji mill-Ġurati ta' l-Univerżità tal-Belt Valletta, Birgu, Bormla u l-Isla. Il-Gran Mastru kien joqgħod għarkobtejh fuqu. Hemm isib jistennih lill-Isqof, bil-kleru tiegħu, biex jilqgħuh flimkien mal-Ġurati ta' l-Università ta' l-Ibliet. L-Isqof iressaqlu Salib u l-Gran Mastru jbusu.

Din il-laqgħa ta' l-Isqof mal-Gran Mastru, sibniha tissemma', għall-ewwel darba, fid-daħla tal-Gran Mastru De Redin. Meta xi drabi kien jinzerta li l-Isqof ma jkunx hawn, billi jaħbat li jkun imsiefer,din il-biċċa tal-laqgħa kien jidħol għaliha l-Arċidjaknu ta' l-Isqof. Qabel ma ndaħal ukoll l-Isqof

biex jilqa' lill-Gran Mastru, dana kien jiġi milqugħ biss mill-erba' Ġurati ta' l-Ibliet flimkien ma' għadd kbir ta' nies. Iżda fid-daħla ta' Perellos, dan il-Gran Mastru, barra milli ġie milqugħ mill-Isqof u mill-Ġurati, ġie milqugħ ukoll minn Distakkament Suldati tad-Dejma. Dawn in-nies ġew magħżula mir-Riġment tal-Birgu b'ordni tal-Gvernatur ta' l-istess Belt.

Għad-daħla tal-Gran Mastru ġewwa l-Birgu, ir-Rixtellu u l-Bibien ta' din il-Belt Rebbieħa kienu jiġu mżejna bid-damask u b'ħafna kitba u xbihat. Barra minn hekk, kienu wkoll jitqegħdu erba' Armi. Ta' l-Ordni u ta' dak il-Gran Mastru li jkun fin-nofs, u taħthom it-tnejn tal-Belt tal-Birgu.

Ġużè Gatt.

*(Jissokta)*

# ŻEWĠT-IXIRKA U ĦBIEB!

Katald tal-Għemieri u Pawlu ta' Lexlex kienu xirka f'merħla mogħoż minn żmien twil u dejjem ħabtu tajjeb u għexu għalenija; kienu jifhmu l'xulxin bla kliem xejn, tista' tgħid, għax biż-żmien saru ras waħda u fehma waħda f'kollox. Katald jixtri, ipartat, iwilli kif jaqbillu, u Pawlu ibigħ, irabbi, ipaspar kif jidhirlu li jinfed, u daqqa ħarġu telliefa u oħra marru rebbieħa u ġlied u twegħir bejniethom ma kien hemm qadd.

F'xi żmien il-ġwież għola, il-bhejjem tgelglu, u l-qliegħ naqas. "Imgħattna d-dinja Pawl", qal Katald, "kikux nagħmluhom flus il-magħoż u nerħulha lejn Tunes"?

—"Naħsbuha", qal Pawlu, "għax jekk tibqa' sejra hekk il-biċċa niġu fil-għera".

—Tunes hemm x'wieħed jagħmel ?

—Hemm, jekk tmur bil-flus f'idek.

—Kemm baqgħilna mogħoż ?

—Bejn il-gidien u l-għenieqa, u l-ferħ ta' wat-wat li daħħalna hemm mal-ħamsa u għoxrin.

—Jekk inġibu tliet liri r-ras, waħda għal oħra, ikollna biex ingaħgħu.

—"Mela dak li għandna nirgħanu nbigħuh" qal Pawlu, u daħlu jisqu l-bhejjem, għax il-ħin kien daħal.

Pawlu, il-għada, telaq lejn Ħal-Luqa għand xbinu Indri li kien tat-tajjeb u xogħlu kien fil-bhejjem u staqsieh jekk kienx bil-fehma li jieħu l-merħla tagħhom. Aqbad u qabbad għax twebblu jmorru Tunes.

—"Il-merħla tagħkom nafha" qal xbinu Indri, u bżonn il-mogħoż għandi dal-ħin. Kemm nagħmluhom, ras għar-ras? Bit-twila u l-qasira ftehmu.

—Mela għada karkarhom l-hawn u aqbad il-flus. Smajt ara targa' lura minn kelmtek għax niġi minn taħt, għandi f'rasi x'nagħamel bil-bhejjem u la ftehemna nieħu ħsieb nagħmel xi ħaġa għall-ġid. Jekk ma ġġibhomx għada jkollok titlef ħames liri. Ftehemna? Ħames liri waħda fuq l-oħra.

—"Kelma ta' sultan, jew tarani ġej bil-merħla jew bil-ħames liri f'idi, xbin."

Wara li kielu bukkun ix-xirka ltaqgħu fil-ħanut marru jixorbu nofs. Wara ftit Pawlu qal taħt lsien: "Begħthom u għandi neħodhom għada."

Katald stamat u baqa' żmien bla ma tniffes, bit-tazza f'idu jħares lejn sieħbu. Fl-aħħar tbissem jidħak u ħa belgħa nbid.

—Din biċċa ħelwa. Mur obsor li int hekk bieżel! Jien lħaqt wellejthom ukoll imma ma ġara xejn għax insewwi kollox dalwaqt.

—Issewwi xejn għax la tajt il-kelma ma nħallikx targa' l-ura minnha.

Daħku t-tnejn b'din il-praspura u ma żidux jitkellmu ħarġu mill-ħanut u marru kulħadd għal triequ.

Pawlu ma riedx għad-dinja iġagħal lil Katald joħroġ ta' tifel ma' min kien ftihem, u Katald ħaseb malajr li la sieħbu kien ħasel biegħ kellu jħalli dal-bejgħ igħaddi l-quddiem.

Malli sebaħ, Pawlu qabad ħames liri mis-senduq u telaq lejn Ħal-Luqa għand xbinu Indri. Dan malli rah waħdu fehem malajr li l-partit ma seħħx u bid-daħka f'fommu, bla kliem xejn, midd idu għall-flus, għax kien jaf li Pawlu għal kelmtu kien jaqta' rasu.

—Jaqaw iltqajt ma' saram, Pawl? Jien aktar xtaqt li ġibtli l-mogħoż għax dal-ħin jiswewli u dak li se ttini mhux rebħ għax jien ukoll ilħaqt tajt il-kelma lil ħaddieħor.

—Nagħli li ma stajtx inġiblek li wegħedtek, imma il ftehim kien li jekk ma nasalx li nġib il-mogħoż inġiblek il-flus. Aqbad għax imgħaġġel.

Pawlu raġa' lura qalbu dejqa mhux biss għax tilef ħames liri sbieħ sbieħ, mita kollox kien sejjer lura, imma x'aktar għax wara li webbel lil xbinu bil-merħla kellu bħal ġaħan jibla' kull ma talab. "Hemm tajjeb li sieħbi Katald ħareġ ta' ragel, u l-bejgħ sar xorta waħda", qal, u għaggel biex jilħaq il-vapur għar-Rabat.

Katald, jaħasra, sab ruħu fl-istess baħar. Biex ma jiksirx lil sieħbu ħaseb li jmur bilġri Ħal-Tarxien fejn kien ftihem ma' xerrej li jbegħlu l-mogħoż u jgħidlu li milli qalu ma kien hemm xejn. Sabu u tarraflu li l-bejgħ ma satax isir. Dak tfantas u għajjat u ġabar in-nies u ma sikitx qabel ma Katald daħħal idu fil-but u telaq lira jew tnejn f'id ix-xerrej u f'id dak li kien daħal jagħmilha ta' ħuttab.

Ġibtha qastna, qal Katald, imma xejn ma ġara għax sieħbi Pawlu sata' jżomm kelmtu. Ħrigt ftit ta' kukrumbus imma għal ġieħ ta' Pawlu kollox sewwa.

Iltaqgħu għal għaxiet in-nhar fil-maqjel, it-tnejn bix-xewqa li jafu l-għala l-mogħoż kienu għadhom hemm iżda ħadd ma ried isaqsi lil sieħbu. Fl-aħħar Pawlu dar fuq il-mogħoż u qal donnu lilhom u donnu lil Katald: "Għal mita nerħulha għal għand ix-xerrej ?"

—Jien bi ħsieb li kont ħadthom int Pawl; ma bsortx li nsibhom hawn il-bhejjem !

—Mela jien nbigħhom mita naf li int ftehemt biex tneħ-ħihom ?

—Kif ? jien l-anqas begħethom mħabba filli int kont ftehemt ma' xerrej.

Hawn flok li ħabtu għal xulxin infexxew it-tnejn f'daħka kbira, għax f'daqqa waħda ntebħu t-tnejn x'kien ġara. Sak-kru l-bieb tal-maqjel u telqu lejn ir-Rabat. Fit-trieq qabdu jirraġġaw, jitlegħbu, jinbxu lil xulxin; kien dak kollu li xtaqu jgħidu u ma jafux kif, il-ferħ li t-tnejn ħarġu ta' rġiel mal-flien.

It-tnejn ħallsu qares il-kelma li kisru, iżda it-tnejn ħassew li l-mogħoż baqgħu tagħhom, li ma nfirdux u la mil-merħla u la minn xulxin u lanqas minn pajjiżhom; bħal żewġt itfal ħassewhom ferħana u marru ħadu qatra għand tal-ħanut. Pawlu qabel xorob ċekċek it-tazza ma' dik ta' Katald u b'nofs demgħa f'għajnejh qal: "Bis-saħħa tal-merħla". Fil-ħanut ma kienx hemm ħadd għax kieku Katald ma kienx igħid: "Smajtx, li kien il-kliem ġawhar aħjar is-skiet minnu, iżda aħna nitkellmu ftit wisk. Għid is-sew kemm qamitlek dil-biċċa rġulija ? lili qamitli żewġ liri, biex trid tkun taf."

—"Mela ħlist b'orħos minni, ħej, għax jien lil xbini kelli ndoqqlu ħames liri".

—"Għid is-sew" ? qal Pawlu." Kemm tibża' għal flusek." Ara li mil-lum il-quddim nagħmlu kif kienet tgħid dejjem ziti Vangiela: "Ta zaqqi f'fommi għax bint ommi". U hekk naħbtu orħos jekk m'hux aħjar.

U ħadu qatra oħra u baqgħu xirka u baqgħu Malta.

T. Z.

# TLIET GĦANJIET

Għandi ġe' qalbi tliet għanjiet moħbija
li ngħanni qatt ma ridt u qatt ma stajt;
għanjiet minsuġa mal-ġrajjiet ta' ħajti,
għanjiet li għexthom u ġe' sidri rfajt.

Waħda tixbaħ lill-għanja tal-agħsafar
meta tħaddar l-egħlieqi u l-ġonna tfuħ,
u l-ħajja tikber ma' kull xemx li titla,'
u l-ħajja ġdida tħoss tal-hena r-ruħ.

Tixbaħ it-tieni lit-tnehid tal-baħar
meta f'lejla mudlama jqumu r-rjieħ,
u l-ħalel tasal qishom dwieb maħruba
u jqanqlu l-ħama li jkun hemm fil-qiegħ.

L-oħra tixbaħ lill-għanja tal-ħaddiema
li max-xemx nieżla jerġgħu lejn id-dar,
miksur leħenhom, iżda qalbhom siekta,
għax id-dmir tagħhom kellu jsir kif sar.

**Dun Karm.**

Mejju, 1930.

# *BIBLIJOGRAFIJA*

**It-trîq iċ-Ċchejcna taż-Żgħurija Spiritwali**, skond il-ħajja u l-kitba ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Xogħol tar-Rev: P. Martin u maqlub fil-lsien Malti minn Patri Tereżjan. 118 u IV faċċ. *Empire Press* 1930.

**Il-Liġi tas-Sawm u ta' l-Astinenza** tal-Patri Lettur Pawlu Tabone O.F.M. 100 u VIII faċċ. *Empire Press* 1930.

Min jaqra dawn iż-żewġ kotba ma jistâx ma jifraħx jara mwettqa b'xogħlijiet hekk sbieħ il-fehma tal-*Għaqda* u ta' dawk li jħobbu lsienna, jiġifieri li l-Malti jista', bħall-ilsna l-oħra, jaqlana sewwa biex infissru ħsebijietna kollha minngħajr bżonn li nnaqqru wisq minn għand il-Barranin. Li wieħed jinkeda b'xi kelma barranija m'hix ħaġa tal-Malti biss. L-ilsna kollha, ftit jew wisq, jisselfu minn għand xulxin, u b'dan kollu, ħadd għadu ma ħolom igħid li huma ma baqgħux ilsna. Il-qofol ta' l-ilsien hija l-*Grammatka tiegħu*, għaliex din biss tista' ġġegħel li kliem barrani jsir ġewwieni.

Fil-għażla tal-kliem kif ukoll fl-ortografija dawn il-kittieba mxew fuq it-tagħlim tal-Għaqda. Għal dak li hu Alfâbet, huma dehrilhom li għandhom jagħżlu dak taż-żewġ setgħât tagħna, jiġifieri l-Knisja u l-Gvern, għalhekk tbegħdu kemmxejn dak tal-Għaqda. Mill-bqija, il-kotba ma fihomx xi tmaqdar, m'hux biss, imma jidhrilna li jistgħu jittieħdu bħala mirja minn dawk li jixtiequ jidħlu għal xi xogħol ieħor ta' dik ix-xeħta.

Sa hawn fuq dak li jmiss il-qoxra tal-kotba. Naraw issa l-qalba tagħhom jew dak li jridu jgħallmuna, għaliex kull ktieb jinkiteb biex igħallem.

Il-ktieb "*It-trîk iċ-Ċchejcna taż-Żgħurija Spiritwali*" forsi deher ta' ebda fejda għal xi wħud, għalhekk l-anqas ħabblu rashom li jiksbu wieħed. M'hux għax hekk għandu jkun. Dik il-ġibda barranija li ssaħħar lil kull min jaqra l-kitba ta' din il-qaddisa, jew jisma' xi ħaġa fuq ħajjitha, dak "*it-taħrik mingħajr ieħor qablu li qajmet il-kawża tagħha fid-dinja kif iddur*" imwettaq "*b'dik il-kotra bla qies ta' grazzji li nqalgħu bit-talb magħmul għall-ġieħ tagħha*" kienu jitolbu tifsira, l-iktar meta nafu li "*Alla ma jagħmel xejn għal xejn u fuq kollox ma jagħmilx egħġubijiet mingħajr ma jkun hemm xi ħaġa li tistħoqqhom*" (Daħla faċċ. I). S. Tereża stess ftit żmien qabel mietet kienet urietna li hi kellha missjoni x'taqdi wara mewtha, missjoni li hi fissret b'dawn il-kelmiet li jsaħħru: "*Inħoss,*

marret tgħid, *li l-missjoni tiegħi sejra tibda, il-missjoni tiegħi li nġiegħel l'Alla jkun maħbub kif inħobbu jien... li nati lill-erwieħ it-trîq iċ-ċkejkna tiegħi. Irrid ingħaddi l-ġenna tiegħi nagħmel il-ġid fid-dinja* (ibid faċċ. II). Hu wisq xieraq, mela, li nkunu nafu u nifhmu sewwa xi tkun din *it-trîq iċ-ċkejkna* li għamlet lil Tereża tal-Bambin Ġesù, qaddisa hekk tal-għaġeb u fl-istess ħin li ssaħħar u tiġbed lil kullħadd għal urajha bis-sempliċità tagħha. Ix-xogħol ta' P. Martin hu, għalhekk, floku u dak il-Parti Tereżjan (li naħsbu għall-umiltà ħbielna ismu) ħaqqu ta' min ifaħħru tas-sabar li ħa biex ġibilna bil-Malti l-ktieb ta' P. Martin.

Il-ktieb fih disa' taqsimiet mimlija kollha b'tagħlim qawwi u sod fuq virtujiet speċjali li jmissu t-trîq taż-żgħurija spiritwali. Qabel ma wieħed igħaddi l-quddiem fil-qari ta' dan il-ktieb, jinħtieġlu li jifhem u jtihem sewwa l-ewwel taqsima li hi l-qofol ta' kollox u li minnha nieħdu t-taqsim tax-xogħol kollu. U tabilħaqq, l-Awtur jurina f'din it-taqsima li t-trîq taż-żgħurija spiritwali hija mwaqqfa fl-Evanġelju fejn l-Imgħallem Divin qalilna kemm-il-darba li Alla hu *missierna* m'hux lê ta' qilla imma ta' *mħabba*, u li aħna *wlied Alla*; uriena wkoll Ġesù Kristu l-ħtieġa li nsiru *tfal żgħar*, għalhekk jekk aħna sirna *wlied Alla*, m'għandniex inġibu rwieħna qisna wlied *kbar* imma *bħal tfal żgħar* "*għaliex ta' dawn hija s-Saltna t'Alla*" (Mark X, 14). X'ifisser, mela, tidħol "fit-*trîq iċ-ċkejkna taż-żgħurija spiritwali?* "Ifisser li int mil-lum il-quddiem tibda biex f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħajja spiritwali sewwa fil-ħsieb kemm fil-għamil, issir bħal tifel żgħir: jiġifieri taħseb u tagħmel bħalu, u ġġib ruħek f'kollox mal-Missier tas-Sema kif huwa jġib ruħu ma' missieru tad-dinja" (faċċ. 6).

It-tifel minnu n-nifsu jħossu *ċkejken* u għax *ċkejken* iħossu *debbli* jew *dagħjef* u ma jista' xejn minn rajh u għalhekk jintebaħ li hu *fqir* għall-aħħar. *Ċokon, debbulizza* u *faqar* iġgħaluh ifittex għajnuna għand ħaddieħor; u għand min jekk m'hux għand missieru li jaf li jħobbu daqs il-mimmi t'għajnejh? Minn hawn titnissel fih dik il-*kunfidenza* bla tarf u dik *l-imħabba* kollha ħeġġa ta' tifel li twasslu biex f'kollox u bla biża' ta' xejn jintelaq fi ħsieb missieru: dana huwa l-*abbandun* jew *telqien* għal kollox f'idejn ħaddieħor. It-tifel jagħmel dan kollu mingħajr malizzja, għalhekk fih insibu dik is-*sempliċità* ta' ħamiema. *Ċokon, debbulizza, faqar, kunfidenza, imħabba, abbandun, sempliċità* huma l-ġibdiet u l-virtujiet li jżejnu lit-tfal żgħar fl-imġiba tagħhom ma' missierhom ta' din id-dinja; mela l-istess ġibdiet u virtujiet għandhom iżejnu dawk l-erwieħ żgħar li jridu jgħixu fiż-żgħurija spiritwali.

Dina hija fi ftit kliem in-nisġa tal-ktieb kollu. "Dawk kollha nbagħad li jixtiequ u jridu jagħirfu u jagħirblu sewwa u kif imiss l-ispirtu tal-Beata Tereża għandhom jerġgħu għannixxiegħa mnejn kollox għandu bidu, jiġifieri jaqraw u jtegħmu tajjeb: l-*Istorja ta' Ruħ* (Daħla faċċ. IV) miktuba mill-Qaddisa stess, u li tagħha għandna traduzzjoni bil-Malti wkoll.

Il-P. Lettur Pawlu Tabone ried iqegħdilna f'idejna ktieb ta' ħtieġa kbira għaliex imiss lil kullħadd, kbar u żgħar. Is-sawm u l-astinenza jorbtu taħt dnub mejjet, għalhekk għal wieħed li jrid ikun jaf sewwa *meta* u *kif* għandu jħares dawn il-liġijiet biex ma jittebbax b'dan id-dnub, ktieb li jiġbor fih it-tagħlim kollu fuq is-sawm u l-astinenza kien meħtieġ u P. Tabone għamel sewwa li ħaseb għalih.

Dan ix-xogħol irnexxa tas-sew u wasal għall-ħsieb tiegħu. Fid-"Daħla" (faċċ. 1-16) fissrilna x'jiġifieri "*Sawm*" u jekk il-Knisja għandhiex il-jedd u għal fejn torbotna bis-sawm; qalilna wkoll li s-Sawm m'hux biss jagħmel il-ġid lir-ruħ imma wkoll lill-ġisem; fl-aħħarnett fittex li jtarrfilna xi ħaġa fuq kif tnisslet id-drawwa tas-sawm qalb il-bnedmin u l-iktar fost l-insara, u għalaq id-"Daħla" billi fakkarna li s-sawm jorbot taħt dnub mejjet.

Wara li fisser dawn il-ħwejjeġ li jmissu lis-sawm fih innifsu, għadda l-Awtur biex igħallimna kif għandha titħares il-Liġi tal-Knisja fuq is-Sawm u l-Astinenza skond il-Kodiċi l-Ġdid. Wera l-qabża li hemm bejn il-Liġi ta' qabel il-Kodiċi u dik t'issa: ħaġa li kien hemm bżonnha, billi bosta minn dawk li kienu mdorrijin isumu taħt dik il-qadima ma setgħux jaqbdu l-ġdida. Ħa ħsieb li jfiehem sewwa li l-Liġi tas-Sawm hi magħżula minn dik ta' l-Astinenza; għalhekk ħadhom kull waħda għaliha biex juri aħjar x'titlob kull waħda minnhom ; u billi l-Liġi tas-sawm trid li "*fuq il-kemm u liema ħwejjeġ jittieklu jiġi mħares l-użu magħruf tal-pajjiż*" (Can. 1251 §. 1), l-Awtur uriena liema hi d-drawwa fuq din il-ħaġa f'dawn il-Gżejjer. Sa hawnhekk l-ewwel Kap (faċċ. 19-31).

Barra minn dan il-Kap, hemm ħames kapijiet oħra li jitħaddtu fuq kif jistgħu jinqiesru l-Liġijiet tas-Sawm u ta' l-Astinenza (II Kap), fuq il-ġranet li fihom għandna nħarsuhom (III Kap) fuq min hu obbligat għal dawn il-liġijiet (IV Kap) fuq il-kawżi li jeħilsu mit-tħaris tagħhom (V Kap) u fl-aħħarnett fuq min jista' jiddispensa jew iħoll minnhom. Jagħlaq il-Ktieb b'żieda fuq is-Sawm tal-Indulti, tal-Wegħdiet u tar-Reliġjużi.

Il-metodu li fuqu mexa hu dak tal-iskola, għalhekk imqassam tajjeb u ċar. Din is-sura ta' taqsim kif ukoll il-Werrej Alfabetiku, sa fejn nafu, huma ħaġa ġdida fil-kitba bil-Malti.

*Kelma ta' l-aħħar*. Nifirħu qabel xejn liż-żewġ kittieba tax-xogħol tagħhom u nixtiequ li jtuna xogħlijiet oħra bħal dawn. Lill-qarrejja kollha tal-Malti, inbagħad, ingħidulhom li jaħsbu li jkollhom kopja ta' dawn il-kotba l-ewwenett biex jitgħallmu xi ħaġa, u t-tieni biex igħinu u jagħmlu l-ħila u l-qalb lil kittieba ta' l-ilsien

tas-sbejħa fost is-sbieħ, Art li bennitna ! (1).

Bin-Malti.

* * *

**Ktieb L-Eżodu** maqlub mill-lhudi u mfisser minn Dun P. P. Saydon. 72 u VIII faċċ. Malta, *The Empire Press*, 1930.

Bħalma jilqa' ħabib 'l ħabibu rieġa' lejn artu minn safra twila u bgħida, hekk jilqgħu l'dan il-ktieb kull min qalbu għadha mhix mejjta għal-lsien Malti u għat-twemmin nisrani. Miktub minn id Dun P. P. Saydon, magħruf biż-żejjed bħala kittieb tal-Malti u mrawwam kif imiss fit-tagħlim tal-Kotba Mqaddsa u tal-ilsna semin, dan il-ktieb jixraqlu jidher quddiem kullħadd, maħdum kif inhu bis-sengħa kollha li jitlob l-għerf tal-lum. Żewġ ħwejjeġ l-aktar li laqtuna: ir-reqqa tat-traduzzjoni u l-ħeffa tal-qari. Taqrah mingħajr l-ebda tfixkil u, int u taqrah, tħoss u tara taħt il-kisja rqiqa tal-Malti sura u bixra kollha lhudija. U għalhekk mhux biss bħala ktieb bil-Malti, imma wkoll bħala ktieb li fih il-kelma ta' Alla, miktuba l-ewwel darba bil-lhudi, it-traduzjoni ta' Saydon jistgħu jitgħallmu qatigħ minnha mqar dawk li jafu jaqraw ilsna oħra, għax fiha jistgħu jaqraw bi lsienhom dak li f'kotba oħra mhux dejjem ċar biż-żejjed.

*Ktieb l-Eżodu* hu t-tieni mill-Kotba Mqaddsa. Fl-ewwel wieħed (*Ktieb il-Ġenesi*, faċċ. VII) Saydon webbilna bil-fehma tiegħu li jaqleb bil-Malti l-Kotba Mqaddsa, u minn dak iż-żmien inħossuna dejjem aktar imlebelbin biex naqraw mill-aktar fis il-bqija.

Ta' min ifaħħarha wkoll l-*Empire Press* għar-reqqa tax-xogħol.

G.

(1) G. Muscat Azzopardi: Il-Malti, l-ewwel Għadd ta' l-ewwel sena (1925) faċċ. 5.

**Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha.** Miktuba minn E. B. Vella, 232 u IV faċċ *Empire Press*—Malta—1930.

Dan huwa t-tielet ktieb li s sur Vella kiteb fuq l-irħula ta' Malta. Wara x-xogħol fuq Ħaż-Żabbar u fuq iż-Żejtun li ngħoġbu ħafna, issa deher dan fuq il-Mosta, ktieb ta' fuq il-240 werqa mżejjen bil-veduta tar-raħal meħuda mill-għoli li turi l-knisja minsuba f'nofs ir-raħal, bini tal-għaġeb, żina tal-Mosta u tal-Gżira kollha !

F'dal-ktieb, is-surmast Vella għamel nifsu għax, kif qal fil-bidu, "fil-Mosta qegħda mħabbtu għax hemm welditu ommu". U x-xogħol jixhed, għax juri kemm fittex u għerrex u staqsa biex jasal isib kull ma ġara, kull ma sar mill-ħolqien, u kull ma għamel il-bniedem f'dak ir-raħal, mill-eqdem żmenijiet. U dak li sab ma telqux kif ġie ġie, kollox jinsab mifrux u bir-reqqa mhejji bis-sengħa fi ħmistax il-taqsima u sitt żidiet; biex min jaqra ma jsibx tfixkil u ma jitlifx żmien biex isib dak li jixtieq. Għax hekk għandu jsir, xi kittieba jitilqu dak li jafu ħorrox borrox bla taqsim u bla għeliem u biex issib dak li trid taqla' ruħek. Vella telaq mill-bogħod, minn mindu Malta kienet tarf ta' Sqallija u ried jurina kif kienet l-art li fuqha nbniet il-Mosta minn żmien il-Ħaġar sa żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi, ir-Rumani, il-Għarab, l-Isqallin u l-Ordni ta' San Ġwann. Dan kollu ġdid għal min jikteb bil-Malti, għax il-qadim ftit fitxewh il-kittieba tagħna u min kiteb fuq xi raħal x'aktar telaq minn mita nbniet il-knisja. Vella mela 70 paġna qabel wasal igħid kif il-Mosta saret parroċċa u qabel ma wasal fil-knisja l-kbira semma' l-knisja l-qadima, il-kap-pelli u l-knejjes l-oħra tad-distrett, dik ta' San Silvestru, dik ta' San Anard, ta' Santa Margerita, tal-Kunċizzjoni, dik taż-Żejfi, dik ta' Wejda, tal-Minġiba, tal-Għar ta' Wied-il-Għasel, ta' l-Isperanza, u oħrajn.

Mita wasal fil-knisja ta' fuq il-knejjes kollha tal-gżira, fetaħ qalbu u għerfu u wriena bliema ħrara ġabar dak li nkiteb u li ntqal fuqha, dak li tħalla għaliha u kull ma sar minn ġewwa u minn barra minn mita nħasbet saż-żidiet li saru wara bini, tinqix, pittura, irħam, deheb, u tiżjin ieħor. Ma hemmx biża' li xi ħadd isib x'iżid fuq dil-Knisja tal-għaġeb wara l-kitba ta' Vella,

Mill-Knisja għadda għat kull ma jinsab fir-raħal, djar, skejjel, triqat, fil-qrib u mad-dawran u bi ħrara kbira fakkar-na f'dawk li swew xi ħaġa lill-Mosta, Saċerdoti, nies tal-profes-sjoni nies tas-snajja, ħaddiema, nisa u rgiel, li kullħadd b'dak li jiswa' ħadem għal ġieħ tar-raħal.

Naħseb li dak li kiteb Vella fuq ir-raħal jinqara bi ħrara kbira minn kullħadd għax mhux il-bini jagħmel il-pajjiż imma dawk li jgħammru fih, il-bdiewa, in-nies tas-snajja, il-ħaddiema li b'ħilithom, bil-bżulija, bl-imġieba tagħhom, bit-tħabrik għar-ruħ u għall-ġisem, fil-ġid u fil-għaks, jatu bixla lir-raħal u jagħżluh m'irħula oħra. Kull raħal għandu l-bixla tiegħu imma l-koll flimkien jagħmlu l-pajjiż; fil-gżejjer tagħna aħna ma nistgħu qatt nitħalltu mal-ġnus ta' l-artijiet ta' ma' dwarna u la ta' fuq u l-anqas ta' taħt.

In-nies ta' pajjiż ma jitqisux minn dawk li jgħammru fl-ibliet ta' fuq il-portijiet, l-irħula jagħmlu n-nies tal-pajjiż dawk li jgħixu fil-beraħ, li jaħdmu l-art u jġagħluha troddil-hom l-imgħax tal-ħidma, għax il-għana tal-pajjiż jinqies bix-xogħol u b'dak kollu li bil-ħidma u bil-ħsieb jitrabba u jinġama. Għalhekk Vella għamel sewwa tkellem fuq il-Mostin bħala ħaġa meħtieġa daqs il-Knisja l-kbira u ta' min igħożżha aktar mill-bini kollu.

Nifirħulu, għax bil-ftit il-ftit, qiegħed jurina x'hawn fl-irħula tagħna, u kieku ħadd ieħor, jinqala' bħalu, jitħajjar jikteb l-istorja ta' bnadi oħra, fi żmien qasir għad ikollna storja ta' Malta u Għawdex kif tixirqilna u li s'issa ma għandniex. Ħaġa sabiħa wkoll li minn dan ix-xogħol kollu Vella m'hu sejjer jieħu xejn għax il-qligħ ta' dan il-ktieb imur kollu għall-knisja tal-Mosta.

Z.

MORRU

GĦAL KULL XORTA TA' XOGĦOL TAL-ISTAMPA, MILL-IŻGĦAR BILJETT SA L-IKBAR VOLUM, KULL XOGĦOL TA' LEGATURA, EMBOSSING U STAMPA BIL-KULURI KOLLOX MILL-AĦJAR, BI PREZZ MODERAT

FL-EMPIRE PRESS

266, Strada S. Paolo, Valletta

# EŻAMI TAL-MALTI - Ġunju 1930

Dawn il-ġranet l-istudenti kollha jinsabu mitlufin fl-eżamijiet u ma tarax ħlief ġlejjeb ta' żgħażagħ donnhom rashom maqtugħa jitħaddtu fuq kif marru u kif kellhom imorru fl-eżamijiet. Lilna wkoll f'dawn il-ġranet ħassejna x'jinteressana, għax din l-ewwel sena li fost l-eżamijiet hemm imsemmi l-eżami ta' lsien li jolqotna : l-eżami tal-Malti.

L-ewwel sena tat-tagħlim tal-lsien Malti fil-Liċeo spiċċat, u, kif kellu jkun, spiċċat bl-eżami. Mhux għax f'kors ta' skola ta' bil-lejl fil-Liċeo kellu bil-fors jispiċċa b'eżami iżda l-eżami sar fuq ix-xewqa tal-istudenti li riduh sabiex dawk li jgħaddu jieħdu, kif ħaqqhom, iċ-ċertifikat tiegħu.

Il-klassi tal-Malti l-Liċeo kienet ta' fuq it-30 ruħ, għad li għall-eżami resqu biss tmienja, għax bosta minnhom f'dan iż-żmien kienu mpiegaw ruħhom, min hemm u min hawn. Tletin ruħ ftit, igħid xi ħadd: aħna wkoll ingħidu hekk, iżda kull bidu fih it-tfixkil u l-qtigħ il-qalb u għalhekk ta' minn jifraħ is-surmast ta' din il-klassi,il-ħabib u kittieb tagħna, is-sur Nin Cremona għalli għaraf jeħles minn kull tfixkil u jtemm bis-sliem din l-ewwel sena tal-klassi tal-Malti fil-Liċeo.

Xtaqna nġibu hawn il-karti tal-eżami ta' din is-sena, u konna nġibuhom kollha li ma kienx għax il-wisa' ma jħalliniex.

L-ewwel, dettatura. Biċċa mir-rumanz ta' Nazju Ellul tal-mejjet Kav. G. Muscat Azzopardi, waħda mill-bċejjeċ li aħna ġibna fil-ktieb żgħir li konna stampajna bl-isem ta' *Ġabra żgħira—proża* u *poeżija—ta' Ġużè Muscat Azzopardi*; inbagħad biċtejn traduzzjoni għall-Malti mit-Taljan u mill-Ingliż, fl-aħħar il-mistoqsijiet tal-Grammatka li aħna nġibuhom sħaħ hawn taħt u wara ngħidu wkoll xi ħaġa żgħira fuqhom :—

1. Liema ħoss wieħed, fl-alfabet komuni tal-Lsien Malti jidhru għalih żewġ ittri jew b'xi sinjal ?

Liema konsonanti qegħdin żejda, u liema minnhom jista' jidher flokhom xi sinjal fonetku?

2. Uri illi l-ittri *â*, *î* u *û* qegħdin flok konsonanti ta'għerq il-kelma fi kliem Malti u kif *â* qiegħda flok il-krasi *ie.* Ati eżempji.

3. Ati reguli prattiċi biex turi mita l-ħoss tal-vokali *i* u *u* għandhom jinkitbu bl-ittri *j* u *w*.

4. Fisser kif is-suffissi (żieda mal-kelma ewlenija) fil-kelma *qábad* tbiddel is-sura ewlenija fi *qbàdna* u *qabàdna*.

5. Għid kif isir il-plural sħiħ. Ati Eżempji. Ati l-plurali ta' Ħafi—għoli—żmien—għaġeb—deheb—tarf—għaxra—xogħol—qatgħa—demgħa—sqaq—qafas—saqaf—qabar—qalagħ—qalgħa—lenbi—nejba—għarbiel—mejlak.

6. Għid il-għaliex dal-kliem li ġej mhux miktub xorta

*Qgħadna* u *qegħìdna*
*fhimna* u *fehìmna*
*ġgħalna* u *gegħìlna*

7. Il-għala dal-kliem li ġej miktub ħażin :—meħdi—meħdijin—mibgħeda—mixgħela—nstab—ntgħażel—nsterak tficcija—għawċi—ma ħaxx—tħattu—mkazza.

8. Il-kelma *ftichem* hi miktuba tajjeb skond il-grammatika ?

Jekk le, il-għala ?

Il-kelma *għama* (raġel li ma jarax) hi miktuba tajjeb ?

Jekk le, il-għala ?

Inwieġbu għalihom fil-qosor :

Għall-ewwel mistoqsija aħna tal-Għaqda ma nistgħux inwieġbu għax hi preċisament u biss fejn ma naqblux mal-*Alfabet comuni tal-Malti* (Maltese common Alphabet) kif inhu msejjaħ fil-karti tal-eżami. Bħal ma tafu aħna fl-Alfabet tagħna tal-Għaqda għandna kull ħoss jidher għalih konsonanti waħda, iżda ħadna pjaċir li fl-eżami s-surmast tal-Malti fil-Liċeo għamel din il-mistoqsija għax hekk nafu, jew nistgħu nobsru, li hu kien fissirhielhom lill-istudenti tiegħu din iż-żelluma żgħira li ma naqblux fiha. Mill-bqija, jiġifieri fir-reguli tal-grammatka, l-aqwa ħaġa, naqblu f'kollox mar-reguli mgħallmin f'din il-klassi u għalhekk nistgħu nwieġbu għall-bqija tal-mistoqsijiet.

It-tieni mistoqsija hi fuq l-*â*, *î* u *û* li qegħdin flok konsonanti tal-għerq għax ma humiex ħaġ'oħra ħlief l-*alif* tal-ilsna semin, u fuq l-*â* li tinkiser f'*ie* li aħna kemm-il-darba semmejna u tajna r-reguli fil-MALTI; kif ukoll tajna r-reguli għat-tielet mistoqsija fuq il-vokali *i* u *u* li jsiru *j* u *w*.

Ir-raba' mistoqsija qiegħda fuq ir-reguli tal-aċċent li huma mfissra fit-*Tagħrif* tagħna: iż-żieda ta' -*na*, mal-kelma *qábad*, skond ir-regula, twaqqa' l-vokali tal-aċċent ħafif (*qbàdna*) iżda mhux mita n-*na* tkun is-suffiss pronominali (*qabàdna*).

Il-ħames mistoqsija qiegħda fuq il-plurali li nsibuhom imniżżla fit-*Tagħrif* tagħna mill-faċċata 71 il-quddiem: Il-Għadd imkattar (plural) jista' jkun *sħiħ* jew *miksur* Is-*sħiħ* isir biż-żjieda ta': -*in* (barranin), -*t* (allat) -*ijiet* (ommijiet), -*ien*. (bibien) -*jien* (ħosjien), -*a* (ħassila).

Ħafi = ħafjin—għoli = għoljin—żmien = żminijiet—għaġeb = għġbijiet—deheb = dehbijiet—tarf = truf—għaxra = għaxriet —xogħol = xogħlijiet — qatgħa = qtajja' — demgħa = dmugħ —sqaq = sqaqijiet—qafas = oqsfa—saqaf = isqfa--qabar = oqbra —qalagħ = qlugħ—qalgħa = qlajja'—lenbi = nwiebi—nejba = njiebi—għarbiel = għriebel—mejlaq = mwielaq.

Is-sitt mistoqsija. *Qgħadna*, *fhimna*, *ġgħalna* ġejjin mill-verbi ewlenin *qagħed*, *fehem*, *ġagħal* (ipoteticu) li biż-żjieda ta'-*na* jitilfu l-vokali tal-aċċent—fil-ħin li *qegħidna*, *fehimna*, *ġegħilna* ġejja mill-verbi mnisslin *qiegħed*, *fiehem*, *ġiegħel* li biż-żjieda ta' -*na* iqabbżu biss l-aċċent mill-ewwel għat-tieni konsonanti.

Is-seba mistoqsija:

*mehdi*; *mehdijin* iridu jiġu *medhi*, *medhijin*, għax il-verb li ġejjin minnu hu DeHa, l-ewwel id-D inbagħad l-H.

*mibgħeda*, *mixgħela* iridu jiġu *mibegħda*, *mixegħla* għax l-e hi vokali tal-leħen u l-vokali tal-leħen toqgħod quddiem il-għ.

*nstab*, *ntgħażel*, *nsteraq*, iridu jiġu *nsab*, *ngħażel* *steraq* li huma verbi mnissla minn *sab*, *għażel*, *seraq* biż-żjieda ta' *n* jew *t* u mhux *n* u *t* fdaqqa. Ara t-tabella tal-Verbi mnisslin fit-*Tagħrif* tagħna faċċ. 46.

*tfiċċija* trid tiġi *tfittxija* għax ġejja mill-verb FiTTeX.
*Għawċi* „ „ *Għawdxi* għax ġejja mill-kelma GĦaWDeX.
*ma ħaxx* „ „ *ma ħassx* = ma ħass x(ejn). In-negattiv hu *ma*...*x*.
*tħattu* „ „ *tħaddtu* minn ĦaDDeD.
*mqazza* „ „ *mqaddsa* minn QaDDeS.

It-tmien mistoqsija. Waħda mis-sura ta' Verbi mnisslin hija biż-żieda ta' *t* wara l-ewwel konsonanti. *Laqa(għ)* = *ltaqa(għ)*, iżda ma' verbi mnisslin it-*t* toqgħod qabel u mhux wara l-ewwel konsonanti. *Kabbar* = *tkabbar*, *qarben* = *tqarben*, *fiehem* = *tfiehem*.

*Għama* trid tiġi *agħma* fuq is-sura ta' aġġettivi bħal *aħdar*, *isfar*, *oħxon* bil-vokali quddiem.

S.

# TRADUZZJONI

—F'dan il-Għadd tal-*Malti* għidna xi ħaġa fuq l-eżami tal-Malti li sar il-Liceo. Wara li stampajnieh, wieħed mill-kittieba tagħna, li ma jridx juri ismu, bagħtilna t-traduzzjonijiet taż-żewġ bċejjeċ li kienu mogħtija għat-traduzzjoni f'dan l-eżami. Aħna sejrin inġibuhom hawn biex ma jintilfux.

TALJAN

*"Si può facilmente immaginare quanto avessero continuato a ciarlare del Signor Maestro e del suo amico coloro che erano rimasti a conversare nella farmacia, dopo che si furono messi a sedere ciascuno sulla propria sedia, contenti come erano della visita che avevano fatto Nè è gran cosa, infine, il poter immaginare che nottata avesse fatto Giorgina quella volta, che cosa fosse passato tra lei e Marianna dopo quella visita, e sopra tutto, con che ansia non avesse fermato il mulattiere* (burdnar), *quando, dopo essere stato in farmacia colla lucernetta di terra cotta, rientrò in casa presso di lei.*

.................................................................................................

*Ma se ciò è facilmente immaginabile, non si immaginerà però ciò che ebbe a passare nel calesse, mentre era in via, tra Casal Curmi e la città."*

MALTI

"Ma jridx wisq biex jaħseb kemm damu jlabalbu fuq is-Surmast u ħabibu dawk li kienu baqgħu jitkellmu fl-Ispiżerija wara li qagħdu bil-qiegħda kullħadd fuq is-siġġu tiegħu, ferħanin kif kienu biż-żjara li kienu għamlu. U anqas hi nbagħad ħaġa kbira, li wieħed iġib quddiem għajnejh x'lejla kienet għaddiet Ġorġina dik id-darba, x'kien ġara bejnha u bejn Marianna wara dik iż-żjara u fuq kollox, b'liema ħrara kienet waqqfet lill-burdnar, mita wara li kien qiegħed fl-ispiżerija bl-imnara raġa' daħal id-dar ħdejha.

.................................................................................................

Imma jekk dan jista' wieħed jaħsbu bla tbatija, ma hix iżda, ħaġa li wieħed iġibha quddiem għajnejh x'kien sar fil-kaless, ma' tul it-triq bejn Ħall-Qormi u l-Belt.

INGLIZ

*"There once lived a poor man, and he was very old. His eyes were dim, his hearing had grown dull, and his knees trembled. When he was at table, he could hardly hold his spoon; he spilt his soup on the cloth, and sometimes even let a little run from his mouth. His son's wife, and his son himself, had taken a great disgust at the old man, and at last they banished him into a corner behind the stove, where they gave*

*him a scanty pittance of food in an old earthen porringer* (bieqja *or* skutella). *The old man often had tears in his eyes, and looked mournfully in the direction of the table. One day the porringer, which his trembling hand could hardly hold, fell to the ground and was broken. The wife was angry, and broke out in reproaches; he did not dare to reply, but bent his head and sighed,* (tniehed). *Then they bought a wooden bowl for two farthings, and from that bowl he had to take his food. Some days afterwards the son and the daughter-in-law* (kenna) *of the old man saw their little boy, a child of four years old, putting together little planks of wood on the ground.*

*"What are you doing there?" asked his father.*

*"It's a trough,"* (mejjilla *or* ħawt), *answered he, "for mother and father to eat out of when they are old".*

*The husband and wife looked at each other for a moment without speaking; then they began to cry, and took the old man back to the table, and in future they always made him dine with them, and were never rude to him again."*

## MALTI

Darba kien hemm fqajjar u kien wisq xiħ. Għajnejh kienu mdallmin, ma kienx jisma' rqiq, u rkobbtejh kienu bir-rogħda. Fil-mejda huwa u jiekol kemm kemm kien jista' jżomm f'idu l-imgħarfa: kien iderri l-brodu fuq ħwejġu, u minn daqqiet kien ukoll jakagħlu xi ftit minn ħalqu. Il-mara ta' ibnu u ibnu stess kienu ddejjqu wisq minn dak ix-xiħ, u sa spiċċaw biex irħewlu għalih waħdu f'rokna wara l-istufa, fejn kienu jtuh ħaġa żgħira x'jiekol f'bieqja qadima. Għajnejn ix-xwejjaħ ta' sikwit kienu jduru bid-dmugħ u bi swied ta' qalb fuqhom kien jitfagħhom lejn il-mejda. Ġurwaħda l-bieqja, li bir-rogħda kemm kemm kien jista' jżomma f'idu, waqgħetlu fl-art u nkisret. Il-mara għadbet, u nfetħet f'ħafna kliem ta' ċanfir: hu ma ttarrafx iwieġeb, imma baxxa rasu u tniehed. Inbagħad xtraw bieqja tal-għuda sitt ħabbiet u f'dik il-bieqja kellu jibda jiekol. Xi ġranet wara iben u kennet ix-xwejjaħ raw lit-tifel tagħhom, ta' erba' snin, fl-art ilaqqa' flimkien bċejjeċ żgħar tal-għuda.

—X'int tagħmel hemm? staqsih missieru.

—Ħawt—wieġeb it-tifel—biex ikollhomx fiex jieklu missieri u ommi amman mita jixjieħu.

Ir-raġel u l-mara ħarsu lejn xulxin għal mument bla ma tniffsu: inbagħad bdew jibku u ħadu lix-xwejjaħ fuq il-mejda, u minn dak in-nhar il-quddiem dejjem żammewh jiekol magħhom u qatt ma kienu ħorox miegħu aktar.

# MNEJN HI ĠEJJA L-KELMA MISĦUN

*Misħun* kelma ta' bi tnejn (nom u aġġettiv) mill-għarbi kif iriduha xi studjużi tal-Malti, jew kelma ta' b'waħda (partiċip passiv waħdu) li ma hi ġejja xejn mill-għarbi? Naraw:

Jekk ġejja mill-għarbi jista' jkun li ġejja kif igħidu mill-kelma *ma* li tfisser *ilma* u mill-kelma *suħn* li tfisser *sħun*. Il-kelma *suħn* tkun tbiddlet fil-kelma maltija *sħun*; u l-kelma *ma* tkun biddlet il-vokali *a* f' *i* mħabba, forsi, fl-ittra *s* li trid qabilha l-vokali *i* bħal ma naraw fl-imperattiv *ismot*, *isloħ*, *isħaq*, *isfaħ*, *israq*, *istor*, *isboq*, *iskot*, u fil-partiċipi *mismut*, *misluħ*, *misħuq*, *misfuħ*, *misruq*, *mistur*, *misbuq*, *misbuk*, *misluħ*, *mismugħ*, *misnun*, *misdud*; u tkun tiġi kelma b'kelma mat-taljan *acqua calda*. u ma' l-ingliż *hot water*.

Jekk ma hix ġejja mill-għarbi tkun partiċip passiv tal-verb *saħan* li jnissel *saħħan*, partiċip miġjub bħala nom flok iż-żewġ kelmiet *ilma msaħħan*, bħalma l-kelma *maħlut* hi partiċip passiv tal-verb *ħalat* li jnissel *ħallat*, miġjub bħala nom flok iż-żewġ kelmiet *tgħam imħallat;* u bħalma *misluta* hi partiċip passiv tal-verb *silet* li jnissel *sellet*, miġjub bħal nom flok iż-żewġ kelmiet *ħaġa msellta* (għaż-żina tal-widnejn).

*Misħun*, bħala kelma ta' b'waħda, kif titwieled tibqa' u kif rajna għandna min hu bħala. *Misħun* bħala kelma ta' bi tnejn (1) issir hekk sfors it-tibdil u (2) ma tgħammarna bl-ebda xhieda li l-ittra *s* ta' ras kelma tista' taħkem fuq il-vokali *a* ta' tarf il-kelma ta' qabilha, u tbiddilha f' *i* bħalma taħkem l-ittra *s* fuq il-vokali ta' qabilha bl-istess kelma magħha, bħal dik ta' *mismut* minn *samat*, *misruq* minn *saraq*. Jien inżomm ma t-tieni tifsira.

G. V.

# INWISSU

—Din id-darba fettlilna natu daqxejn ta' rigal żgħir lill-imseħbin tagħna li hi l-veduta bil-kulur tal-Port ta' Malta b'biċċa poeżija taħtha tal-poeta Malti Gio. A. Vassallo. Xogħol l-*Empire Press* li għoġobha wkoll tislifna l-*cliché* tiegħu. Din l-istamperija l-lum hi magħrufa biż-żejjed għax-xogħol tajjeb li joħroġ minn għandha, u ħaqqha kull tifħir għal dan ix-xogħol tal-kulur li issa ndaħlet għalih.

—Dawn il-ġranet ħareġ ktieb minn Pariġi jismu *Langues et écritures sémitique* par le P. P. Dhorme O. P. Paris 1930. Jitkellem fuq l-ilsna semin kollha u jsemmi wkoll il-Malti. Din id-darba ma lħaqnix ġibna fuqu, iżda fil-ħarġa li ġejja ma nonqsux li ma ngħidux xi ħaġa fuqu.